MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 118/2011

**Jason Aquilina**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell intavolat minn Jason Aquilina mid-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta datata 1 ta' Settembru 2009, li biha gie immultat penali amministrattiva ta' €100 u gew imposti fuqu l-korrispondenti ghaxar punti ta' penali ghaliex minn spezzjoni li saret fl-10 ta' Awwissu 2009 minn Ufficjal ta' l-Infurzar ta' l-Awtorità ghall-habta ta' l-10:00 fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, irrizulta li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025, li hija vettura ghall-garr ta' passiggieri, kienet ipparkjata u li go fiha ma kenitx murija diska ta' parkegg, u dan bi ksur tar-Regolament 62 tar-Regolamenti ta' l-2009 Dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghall-appell intavolat mir-Rikorrent mid-decizjoni taghha u titlob li l-istess appell jigi michud, bl-ispejjez kontra tieghu, u minflok id-decizjoni taghha tigi kkonfermata stante li l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet minnu avvanzati huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li d-decizjoni in kwistjoni hija legali u gusta;

Ra d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata 1 ta' Settembru 2009 u r-Rapport bin-Numru A 128855 ta' l-10 ta' Awwissu 2009[1];

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent[2] u ta' Roger Magro[3] moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2012 u ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent waqt l-imsemmija seduta markati Dok. “JA1” u Dok. “JA2” a fol. 33 sa' 36 tal-process, ra l-affidavit ta' Albert Sammut, Enforcement Officer ma' l-Awtorità intimata, esebit mill-Awtorità intimata permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Settembru 2012 markat Dok. “AS1” a fol. 51 tal-process u rat id-dokumenti annessi ma' l-imsemmi affidavit markati Dok. “AS1” u Dok. “AS2” a fol. 52 u 53 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 1 ta' Settembru 2009 l-Awtorità intimata gharrfet lir-Rikorrent illi kien qed jigi immultat penali amministrattiva ta' €100 u li kienu qed jigu imposti fuqu l-korrispondenti ghaxar punti ta' penali peress illi minn spezzjoni illi saret minn Ufficjal ta' l-Infurzar taghha fl-10 ta' Awwissu 2009 ghall-habta ta' l-10:00a.m., fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, irrizulta li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025, li hija vettura ghall-garr tal-passiggieri, kienet ipparkjata u li go fiha ma kienetx murija diska ta' parkegg u dan bi ksur tar-Regolament 62 tar-

[1] Fol. 12 u 13 tal-process.
[2] Fol. 37 sa' 43 tal-process.
[3] Fol. 44 sa' 46 tal-process.

Regolamenti ta' l-2009 Dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Ir-Rikorrent jikkontesta din id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata kontra tieghu ghaliex: (i) huwa ma giex notifikat bil-kontravvenzjoni; (ii) ma kenitx mehtiega diska ta' parkegg ghaliex il-vettura kienet qed tigi uzata u r-Regolament 62 japplika biss meta l-vettura ma tkunx qed tintuza; (iii) ix-xufier Roger Magro jahdem bhala full time driver mas-socjetà tieghu u bejn vjagg u iehor jipprezenta u jigbor dokumenti relattivi ghat-transfers li jkollu jaghmel li jidhlu ghand is-socjetà skond il-htiega; u ghaliex (iv) l-Avviz Legali 149 ta' l-2009 huwa irregolari w *ultra vires* stante li ma jipprovdix ghal Bord li jiddeciedi l-ewwel piena. Ir-Rikorrent jikkontesta wkoll il-hlas tas-somma ta' €116.47 minnu effettwat mal-prezentata ta' l-appell tieghu ghaliex dan huwa illegali w abbusiv in kwantu mhux kontemplat fl-Avviz Legali 149 ta' l-2009.

L-Awtorità intimata da parte taghha ssostni li l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li kuntrarjament ghal dak minnu pretiz, id-decizjoni taghha hija legali u gusta u b'hekk ghandha tigi ikkonfermata.

Qabel ma jidhol fil-mertu ta' dan l-appell it-Tribunal josserva li waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru 2009[4] quddiem il-Bord ta' l-Appell tat-Trasport, id-difensur tar-Rikorrent kien iddikjara li l-istess Rikorrent kien se jistitwixxi proceduri kostituzzjonali biex jikkontesta l-legalità ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009. Waqt is-seduta ta' tad-9 ta' Mejju 2011[5] quddiem dan it-Tribunal però d-difensur tar-Rikorrent iddikjara li ladarba gie kostitwit it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma kienx hemm iktar il-htiega li jigu istitwiti proceduri kostituzzjonali biex jigu trattati l-ilmenti precedentement sollevati mir-Rikorrent dwar il-legalità ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2009. Fil-fehma tat-Tribunal dan effettivament ifisser li r-Rikorrent irrinunzja ghar-raba' aggravju minnu sollevat kontra d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata, u cioè li l-Avviz Legali 149

[4] Fol. 15 tal-process.
[5] Fol. 25 tal-process.

ta’ l-2009 huwa irregolari w *ultra vires* ghaliex ma jipprovdix ghal Bord li jiddeciedi l-ewwel piena.

Fir-rigward tal-mertu ta’ dan l-appell jigi osservat illi r-Regolament 62 tar-Regolamenti ta’ l-2009 Dwar is-Servizzi ta’ Garr ta’ Passiggieri, Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, kif applikabbli fl-2009 kien jipprovdi li *l-operatur ghandu jizgura li kull vettura ghall-garr tal-passiggieri fl-operat tieghu skond il-licenza ta’ l-operatur ghandha tinzamm fil-garaxx f’kull hin meta ma tkunx qed tintuza: Izda, il-vetturi ghall-garr tal-passiggieri li ma jeccedux tul ta’ sitt metri jistghu jigu pparkati fit-triq ghal perijodi ta’ zmien ta’ mhux aktar minn hames sieghat u x-xufier ta’ dawk il-vetturi ghandu, meta jipparkja l-vettura jissettja l-indikatur tad-disk ta’ l-arlogg li jdur tal-parking disc tieghu biex juri bl-ahjar mod possibbli l-hin ta’ meta pparkja l-vettura fi spazju okkupat. Il-parking disc, ghandu jitpogga fuq il-wicc tad-dashboard f’posizzjoni cara u vizibbli li tidher min-naha ta’ barra tal-windscreen*.

Minn dan ir-Regolament johrog car li vettura licenzjata ghall-garr ta’ passiggieri ghandha tkun *garaged* biss meta ma tkunx qed tintuza filwaqt illi vettura ta’ dan it-tip li ma teccedix it-tul ta’ sitt metri tista’ tigi pparkjata fit-triq ghal perijodi ta’ mhux iktar minn hames sieghat b’dana li jkun jidher il-*parking disc* li juri bic-car il-hin x’hin il-vettura giet hekk ipparkjata. Ir-Rikorrent jikkontendi li dakinhar ta’ l-10 ta’ Awwissu 2009 fil-**10:00a.m.** il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni AVY-025 **ma kenitx qeghda pparkjata fi Triq ix-Xatt ta’ l-Msida, Msida**, izda kienet **qed tintuza** u ghalhekk ma setghax ikun hemm il-vjolazzjoni ta’ l-imsemmi Regolament 62 ta’ l-Avviz Legali 149 ta’ l-2009, kif pretiz mill-Awtorità intimata.

In sostenn ta’ dak minnu affermat ir-Rikorrent, oltre illi xehed waqt is-seduta tas-7 ta’ Frar 2012[6], esebixxa wkoll dokument, ossia rapport dwar il-movimenti u spostamenti tal-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni AVY-025 dakinhar ta’ l-10 ta’ Awwissu 2009, u dan skond ma jirrizulta minn *tracking system* installat fuq il-vetturi tieghu, inkluza l-

[6] Fol. 37 sa’ 43 tal-process.

vettura in kwistjoni[7]. Minn dan ir-rapport jirrizulta li filwaqt illi bejn **id-9:15a.m. u l-9:49a.m**. il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025 kienet **ipparkjata** fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, bejn **l-9:54a.m. u l-10:03a.m.** din l-istess vettura kienet qed **tinsaq** fi Triq M.A. Vassallo, Msida, lejn id-direzzjoni ta' Hal Balzan (di fatti fl-10:08a.m. il-vettura kienet qed tinsaq fi Triq Kan. Karm Pirotta, Balzan, u d-destinazzjoni finali kienet ic-Cirkewwa). Minn dan ir-rapport ghalhekk johrog b'mod car illi fl-10 ta' Awwissu 2009 fl-10:00a.m. il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025 ma kenitx tinsab ipparkjata fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida.

L-Awtorità intimata tipprova ddahhal dubju dwar il-veracità u awtenticità tar-rapport esebit mir-Rikorrent u dana permezz ta' numru ta' mistoqsijiet illi saru lill-istess Rikorrent in kontro-ezami. Fil-fehma tat-Tribunal però l-Awtorità intimata ma irnexxilhiex tipprova li r-rapport esebit mir-Rikorrent ma huwiex awtentiku u ghalhekk ma jsib ebda ragun ghalfejn ma ghandux jaccetta bhala veritiera l-informazzjoni li tirrizulta mill-istess rapport dwar il-movimenti u spostamenti tal-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025 dakinhar ta' l-10 ta' Awwissu 2009, u mod partikolari li dakinhar fl-10:00a.m. l-imsemmija vettura ma kenitx ipparkjata fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida.

L-Awtorità intimata tipprova tirribatti ghal dak affermat mir-Rikorrent dwar fejn kienet tinsab il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025 dakinhar ta' l-10 ta' Awwissu 2009 fl-10:00a.m., permezz tax-xhieda ta' l-Enforcement Officer Albert Sammut, izda mill-affidavit ta' dan Albert Sammut ma jirrizulta ebda fatt li sodisfacentement jeghleb il-prova mressqa mir-Rikorrent li bhala fatt dakinhar ta' l-10 ta' Awwissu 2009 fl-10:00a.m. il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025 ma kenitx ipparkjata fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, kif minnu kkonstatat.

Fl-affidavit tieghu Albert Sammut iddikjara li *fl-10 ta' Awwissu 2009 ghall-habta ta' l-10 ta' filghodu, gejt*

[7] Dok. "JA1" a fol. 33 u 34 tal-process.

*mibghut ix-Xatt ta' l-Msida, sabiex nispezzjona l-qaghada tal-vetturi hemmhekk ipparkjati, u dan wara illi taqsima tal-customer care ta' l-Awtorità kienet irceviet bosta ilmenti mir-residenti tal-madwar. Malli wasalt, mill-ewwel innotajt il-prezenza ta' vetturi targati "Y" u "QZ" ta' proprjetà ta' Jason Aquilina (Karta ta' l-Identità numru 170972M) (Avis Car Hire) ipparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq. Hadt ghadd ta' ritratti (kopji ta' liema huma hawn annessi bhala Dok. AS1) u hrigt multa bin-numru A128855 lill-vettura targata AVY 025 tat-tip Mercedes Sprinter – system number 480623, fejn fissirt il-kontravvenzjoni kif gej: "PSG (Public Service Garage) vehicles not garaged when not being used*. It-Tribunal josserva li ghalkemm ir-ritratt Dok. "AS1" esebit a fol. 52 tal-process bhala fatt juri l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AVY-025, minn imkien minn dan ir-ritratt ma jirrizulta li l-hin li fih ittiehed kien l-10:00a.m. u ghalhekk ma jistax jitqies bhala prova li sodisfacentement tikkontradici l-kontenut tar-rapport esebit mir-Rikorrent u minflok tissosstanzja l-validità tar-rapport ta' l-Enforcement Officer u konsegwenti ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu.

It-Tribunal josserva li l-Enforcement Officers ta' l-Awtorità intimata ghandhom johorgu l-multi dwar kontravvenzjonijiet minnhom allegatament ravvizati b'mod iktar akkurat milli gara fil-kaz in ezami u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li hekk kif operatur – li normalment ikollu iktar minn vettura wahda registrata f'ismu – jakkumula hames mitt punt ta' penali l-licenzja tieghu tigi rtirata mill-Awtorità minghajr il-bzonn ta' rikors quddiem dan it-Tribunal[8].

Ladarba fil-kaz in ezami r-Rikorrent irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li nhar l-10 ta' Awwissu 2009 fl-10:00a.m. il-vettura bin-Numru ta' Regsitrazzjoni AVY-025 ma kenitx ipparkjata fi Triq ix-Xatt ta' l-Imsida, Msida, izda kienet qed tinsaq fi Triq Mikiel Anton Vassallo, Msida, jirrizulta li ma kienx hemm vjolazzjoni tar-Regolament 62 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 kif dak iz-zmien applikabbli u konsegwentement ghalhekk id-decizjoni ta' l-

[8] Regolament 112 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 li kif japplika anke fl-2009.

Awtorità intimata fil-konfront tieghu ma kenitx legali u gusta u b'hekk ghandha tigi revokata.

Ir-Rikorrent jikkontesta wkoll il-hlas tas-somma ta' €116.47 minnu effettwat mal-prezentata ta' l-appell mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata. It-Tribunal peròma huwiex ha jiehu konjizzjoni ta' dan l-aggravju partikolari tar-Rikorrent in kwantu l-istess ma jaqax taht il-kompetenza tieghu meta jkun qed jigi intavolat appell minn decizjoni ta' l-Awtorità intimata li timponi penalitajiet amministrattivi u l-punti ta' penali korrispondenti, u dan kif jirrizulta mir-Regolament 110 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorità intimata, jilqa' it-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrent u jirrevoka, ihassar u jannulla d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata datata l-1 ta' Settembru 2009 u konsegwentement jirrevoka u jannulla l-penali amministrattiva ta' €100 u l-korrispondenti ghaxar punti ta' penali imposti fuq ir-Rikorrent b'dik id-decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta' l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------